MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 37/2004

**A & J Hili Ta' Miema Limited**

**vs**

**Cosmoline Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi s-socjeta' attrici tiggestixi negozju ta' bejgh bl-ingrossa u bl-imnut minn hanut li ghandha fl-Imgarr, Ghawdex.

Illi l-esponenti xtraw minghand il-konvenuta diversi konsenji ta' fabric conditioner "Oro" tal-marka Nonna Piu'.

Illi sussegwentement il-klijenti tas-socjeta' attrici gibulu l-attenzjoni li dan il-prodott hareg difettuz u bdew jirritornawh lura.

Illi f'Gunju 2003 wara li l-partijiet ftehemu li jhollu l-bejgh, impjegati tas-socjeta' konvenuta skond ma kien l-arrangament ta' bejn il-partijiet, marru biex jiehdu lura l-konsenja ta' tlieta u hamsin kaxxa b'erba' flimkien il-wahda. Dawn kellhom jingabru mill-fond tas-socjeta' attrici. Hekk kif bdiet din l-operazzjoni, dawn l-impjegati gew moghtija struzzjonijiet biex ma jissoktawx.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi il-konvenuta qed tirrifjuta li tirrestitwixxi l-prezz imhallas ghal dawn l-oggetti li jammonta ghal mija u wiehed u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm151.92).

Illi s-socjeta' attrici qed titlob li l-Qorti jikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas dan l-ammont dovut flimkien ma' l-imghax minn Gunju 2003 u l-ispejjes ta' dawn il-proceduri."

Ra r-risposta:

1. Illi preliminarjament il-prezenti azzjoni hija preskritta u dan a terminu ta' l-Artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq allegat difett f'prodott mibjugh is-socjeta' attrici;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-oggetti li gew mibjughin mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ma kenux difettuzi;

3. Illi ma kien sar l-ebda ftehim bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' attrici sabiex jigi xolt il-bejgh in kwistjoni;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' l-provi, ra d-dokument JH1 esibit;

Sema' t-trattazzjoni orali tal-avukat patrocinatur tas-socjeta' konvenuta kif ukoll qara n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidra:

Din il-kawza tikkoncerna talba ghar-rifuzjoni ta' prezz minhabba prodott allegatament difettuz.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet bieghet u kkunsinnat konsenja (ghalkemm fl-avviz tat-talba jinghad li kien hemm diversi konsenji) ta' fabric conditioner tal-marka *Nonna Piu'.* Il-provi f'din il-kawza, ghal dawk li huma dati u figuri, huma ferm skarsi. Ghalhekk ma jirrizultax meta saret din il-konsenja. Joseph Hili, direttur tas-socjeta' attrici, xehed (fol 10) li wara xi hames jew sitt xhur dan il-prodott beda jissepara minn xulxin fil-kontenitur tieghu u allura ma kienx tajjeb biex jinbiegh. Min-naha tieghu, Joseph Carbonaro, direttur tas-socjeta' konvenuta, jghid li ghaddew sentejn sakemm sar l-ilment mis-socjeta' attrici.

Is-socjeta' konvenuta, fl-ewwel eccezzjoni taghha tressaq bhala ostaklu ghall-azzjoni attrici il-preskrizzjoni (sic) a terminu tal-artiklu 1431(1) ta' Kap 16. Dan l-artiklu jittratta dwar it-terminu li fih jistghu jigu esperiti l-azzjonijiet *aestimatoria* jew *redhibitoria,* li, ghall-kaz prezenti, trattandosi ta'mobbli, huwa ta'sitt xhur mid-data tal-konsenja izda meta ma jkunx possibbli li jigi identifikat id-difett mill-ewwel, allura it-terminu jibda jghaddi mid-data meta kien possibbli ghax-xerrej li jiskopri d-difett. Din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa' ghal tlett ragunijiet: l-ewwel ghax it-terminu ta' sitt xhur huwa wiehed ta' dekadenza, u mhux ta' preskrizzjoni u allura ma jistax jigi sollevat *ope exceptionis*[1]*;* it-tieni anke kieku kellha tigi ammessa din l-eccezzjoni din ma tistax tirnexxi ghax huwa l-konvenut li jrid jipprova l-eccezzjoni tieghu u allura li jipprova li t-terminu effettivament kien ghadda – haga li ma gietx ippruvata ghax it-Tribunal ghadu kompletament fl-ghama dwar id-data tal-konsenja; u t-tielet ghax il-bazi tal-azzjoni mressqa mis-socjeta'attrici m'huwiex il-bejgh, imma l-

[1] *Il diritto nascente dal vizio che intitola l'azione redhibitoria non puo' essere ridotto in linea di eccezione ma deve essere esercitato in tempo utile per via d'azione (*XXX.i.751 ; LXXIII.i.260 u Apex Interiors Ltd vs Martin Camilleri – Qorti tal-Appell Inferjuri, Onor P Sciberras, 20/10/2004)

allegata rexxissjoni tal-istess bejgh bi ftehim bejn il-partijiet. Ghalhekk mhux applikabbli l-imsemmi artiklu 1431(1) ta’ Kap 16.

Din ir-rexxissjoni hija vvantata mis-socjeta’ attrici fl-avviz tat-talba izda michuda mis-socjeta’ konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha. Tal-ewwel tallega li kien sar qbil li l-merkanzija tigi ritornata filwaqt li tat-tieni tghid li l-qbil kien biss fis-sens li l-merkanzija kellha tigi ezaminata u mbaghad jigi deciz tigix accettata jew le. Fil-fatt marru saleseman u zewg haddiema u dawn bdew jghabbu l-merkanzija, izda wara li kienu ghabbew ammont zghir ta’ kaxxi regghu hattewhom u hallewhom ghand is-socjeta’ attrici. Skond ma xehed Joseph Hili dawn ircevew telefonata u gew ordnati jhallu l-merkanzija hemm. Skond ma xehed Joseph Carbonaro kien is-salesman li cempillu u qallu li l-merkanzija kienet *dizastru* u li allura ma kellhiex tigi accettata lura. Is-socjeta’ attrici min-naha taghha ssostni li l-accettazzjoni mis-socjeta’ konvenuta hija evidenzjata minn dok JH-1 (ukoll bla data) li l-impjegati hallew warajhom, u li ghalkemm hija karta ta’ invoice/cash sale, fil-fatt kienet intiza bhala *delivery note* biex jigi accertat ix-xorta u l-kwantita’ ta’ merkanzija migbura, u ppreparata mill-ufficcju tas-socjeta’ konvenuta f’Malta biex imbaghad tigi kkompletata mid-delivery man. Fil-fatt din ma gietx ikkompletata, u thalliet bi zball fil-mahzen tas-socjeta’attrici; bl-original u l-kopja imhollija flimkien (prezumibilment kopja tithalla lis-socjeta’ konvenuta u l-original jinzamm mis-socjeta’attrici, jew vici versa).

Il-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta hija iktar verosimili. It-Tribunal ma jsibhiex minn lewn id-dinja li s-socjeta’ konvenuta taccetta r-ritorn tal-merkanzija minghajr l-ewwel ma tezaminaha; u lanqas huwa verosimili li tibghat tlett impjegati minn Malta ghal Ghawdex biex imbaghad b’semplici kapricc tordnalhom biex ma jaccettawx il-merkanzija. Iktar probabbli l-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta li bghatet lid-delivery man taghha biex jivverifika l-lament tas-socjeta’ attrici, u li dan iddecieda li dawn ma kellhomx jigu accettati u li kien huwa li cempel l-ufficcju Malta u mhux vici versa.

Anke jekk iz-zewg verzjonijiet rispettivi kellhom jitqiesu bhala ugwalment verosimili, japplika l-principju li min jallega jrid jipprova; u f'dan il-kaz it-thassir tal-ftehim huwa allegat mis-socjeta' attrici u allura trid tippruvah hi fuq bilanc ta' probabiltajiet – haga li naqset milli taghmel. F'dan ir-rigward japplika l-principju li r-rinunzja ghal dritt hija di stretto diritto; hemm bzonn tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci u mhux minn espressjonijiet generici[2]; ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preciza tar-rinunzjant[3]; jew, kif drabi ohra espress, hemm bzonn li r-rinunzja tirrizulta minn att jew kumpless ta' atti, li jissupponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li hu jabdika d-dritt tieghu[4].

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta izda b'akkoljiment tat-tielet eccezzjoni jichad it-talba attrici. Bl-ispejjez a kariku tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] XXI.ii.486; XXVIII.iii.1154
[3] XXXVI.i.343
[4] XXVIII.ii.333; XXXIV.ii.646; XLIII.ii.826 u John Cordina vs Dr Josie Muscat 28.04.2003 – PA – Onor P Sciberras